MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 519/2001/1

**Euro Appliances Co. Limited.**

**vs.**

**Frank Borda Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Frank Borda Limited datat 3 ta’ April 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-28 ta’ Frar 2001 is-socjeta` Euro Appliances Co. Limited ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta’ Sewkwestru in kwistjoni fis-somma ta’ Lm85,458.30 fuq l-kawzali li din is-somma tirrapprezenta “prezz ta’ *units, spare parts* u *shelving* mibjugha u konsenjati” (Dok “A”).

Illi dan l-mandat ma kienx precedut minn ittra legali jew ittra ufficjali.

Illi l-mandat gie pprezentat fil-kors ta' negozjati bejn l-partijiet.

Illi s-sahha finanzjarja tas-socejta` esponenti qatt ma kien in dubju. L-esponenti huwa l-agent lokali tad-ditta Skoda u diversi ditti ta' *white goods*, apparti illi jiggestixxi *supermarket*. Huwa ghandu valur ta' assi mobbli u immobbli sostanzjali u certament l-Euro Appliances Co. Ltd kienu konxji ta' dan. Il-*paid up share capital* tal-esponenti huwa ta' Lm277,496. (Dok "B").

L-mandat in kwistjoni sar purament ghall-skopijiet malizzjuzi u vessatorji.

It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti billi: -

Ghar-rigward ta' APPLIANCES tad-ditti Speed Queen, Caravell u Magic Line – kull ma gie mixtri mill-eccipjent gie mhallas. L-eccipjenti inghata l-pussess ta' xi *appliances* tal-marka Electrolux biex jghin lill-attur jbattal l-imhazen tieghu li ried jikri lil terzi bil-Lm50 (€116.47) kull jum, izda dwar l-*appliances* ma sar l-ebda ftehim ta' bejgh. Difatti kienu qed isiru negozjati dwarhom li ma gewx konkluzi. L-eccipjenti minn issa stess qed joffri lis-socjeta` attrici biex tehodhom lura fi zmien 15-il gurnata, wara liema data jirriserva d-dritt li jiddepositahom l-Qorti u dan jinghad ukoll fir-rigward tal-oggetti ndikati fil-paragrafi 2 u 3 hawn taht.

Ghar-rigward tal-PARTS tad-ditta Speed Queen, Caravell u Electrolux il-ftehim li gie milhuq kien li l-eccipjent jixtri l-*parts* li huma "SALEABLE". B'dan l-eccipjent dejjem fehem li huwa ser jixtri dawk il-*parts* li kellhom hajja kummercjali u attwali. Meta intwera l-i*stores* tal-attur huwa gie muri *spares* li kien impossibbli biex wiehed jezamina wiehed wiehed u ghalhekk l-eccipjenti ccirkoskriva l-*parts* bil-kelma SALEABEL. Meta saret l-konsenja rrizulta li kien hemm hafna *stock* mejjet li ma kienx *saleable* bhal ma hu

*stock* antik, *stock* ordnat bi zball, *stock* akkumulat f'medda ta' snin, mixtri bla sens u b'mod improfessjonali u cioe` *stock* minghajr valur kummercjali u mhux necessarju ghall-bzonnijiet kurrenti etc. L-eccipjenti jirrapresenta diversi ditti esteri ta' *white goods* u jaf x'jigifieri *stock* ta' *parts* li jigu bzonnjuzi minn zmien ghal zmien. L-parti l-kbira tal-i*stock* ta' *parts* konsenjat ma jaqax f' din il-klassifika. Jekk bil-kliem "saleable" l-attur fehem differentement, jinghad li allura ma kien hemm *idem placitus konsensus* u ghal din r-raguni wkoll jinghad li l-bejgh ma giex konkluz.

Ghar-rigward tal-IXKAFFAR, dan ma giex mixtri mill-eccipjenti. L-attur kien qed jbattal l-mhazen tieghu ghax kellu problema ta' spazju u minn jeddu offra li jaghti l-ixkaffar lill-eccipjenti b'xejn. Qatt ma saru diskussjonijiet fuq prezz dwar dan l-ixkaffar. F' kull kaz l-valur kurrenti ta' dan l-ixkaffar zgur li ma jeccedix l-Lm200 (€465.87) u anke b' dan l-prezz l-eccipjenti ma kienx jixtrih.

F' kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa ferm ezagerat u l-attur ghandu jippresenta l-fatturi u dokumentazzjoni shiha sabiex juri meta huwa xtara l-*parts* u *inoltre* ghandu jesebixxi *sales history* relattiv ghall-*parts*.

Illi l-esponenti ottjena l-hrug ta' kontro mandat billi ppresenta cedola b'zewg garanziji bankarji. (K-Mandat 628/01). (Dok."C","D" u "E").

Illi l-esponenti qed jipprocedi ghat-tenur tal-**artikoli 836.7, 836.1 u 838A tal-Kap 12** billi jsostni illi 'l fuq imsemmi mandat huwa wiehed illegali u sar bi ksur tal-artikolu **836 (1 ) (b), (c), (d) u (f) tal-istess Kodici** billi jsostni illi: -

i. L-mandat ma jissodisfax wiehed mir-rekwiziti tal-ligi billi qatt ma kien hemm dubju li jekk ma jsirx ma jkunx hemm assi sufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghall-pretenzjoni attrici u *inoltre* l-ammont mitlub mhux dovut.

ii. Is-socjeta` Frank Borda Limited hija kumpanija soda u qatt ma kien hemm dubju dwar is-sigurta` taghha sabiex

tissodisfa l-pretenzjoni attrici f'kaz ta' ezitu favorevoli ghaliha.

iii. L-ammont mitlub mhux dovut u f'kull kaz huwa wiehed ferm eccessiv. Fil-bidu tan-negozjati l-esponenti gie moghti x'jifhem li s-SALEABLE *parts* kellhom valur ta' Lm37,999 (€8,8513.86) izda meta l-esponenti ra l-*parts* fil-mahzen kien deher li l-mahzen kien cimiterju u ghalhekk iccirkoskriva l-kelma *parts* bil-kelma SALEABLE. Mill-ewwel l-eccipjent qal li 91% tal-*parts* kienu *worthless* u mill-ammont kwotat ma kienx hemm iktar minn xi Lm37000 (€8618.68 ) li kienu *saleable*. (10%).

iv. Ic-cirkostanzi kif fuq spjegati juru li mhux ragonevoli li l-att kawtelatorju jinzamm fis-sehh *in toto* jew *in parte*.

v. Illi b'rizultat tal-mandat gew iffrizati l-fondi likwidi tal-esponenti. Dawn il-fondi jintuzaw ghall-operazzjoni gornaliera tal-esponenti.

vi. L-esponenti m'ghandu l-ebda dubju li l-mandat in kwistjoni sar purament ghall-skopijiet malizjuzi u vessatorji u dwar dan l-esponenti qieghed jirriserva d-dritt li jipprocedi bi proceduri separati ghat-tenur tal-artikolu 836.8 tal-Kap 12.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` esponenti talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-att kawtelatorju fuq imsemmi huwa illegali u jishoqq li jigi revokat konsegwentement tawtorizza lill-esponenti jizbanka l-garanziji li gew depositati kontestwalment ma 'l fuq imsemmi kontro-mandat.

2. *In linea* sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-garanziji jigu sostanzjalment ridotti u konsegwentement tawtorizza lill-esponenti jizbanka l-garanzija li gew depositati kontestwalment ma 'l fuq imsemmi kontro-mandat.

3. *In linea* sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li l-Qorti tirritjeni li l-mandat ghandu jibqa' fis-sehh *in toto* jew *in parte*, li l-intimat jigi ordnat li fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss, li jaghti garanzija sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghal dak li hemm dispost fl-Art 838A tal-Kap 12.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Mejju 2001.

Rat ir-risposta ta' Euro Appliances Co. Limited ghar-rikors ta' Frank Borda Limited datata 10 ta' April 2001 a fol. 20 tal-process fejn espona:-

1.1 Illi r-rikorrent qed jallega illi Euro Appliances hareg dan il-mandat minghajr ittra legali jew ittra ufficjali. Dan hu veru: pero` ma kisrux il-provediment ta' **artikolu 836 (8) (b) Kap 12.** Illi fil-kawza in kwistjoni l-attur qed jitlob hlas ta' somma rappresentanti prezz ta' bejgh ta' oggetti mobbli. Dawn l-oggetti mobbli gew mehuda minn Frank Borda Limited u ilhom fil-pussess ta' Frank Borda Limited sa mit-12 ta' Dicembru 2000. L-esponent jaghmel riferenza ghad-dokumentazzjoni estensiva esebita mac-citazzjoni. Borda *noe* qatt ma rrittorna l-istess jew iddepozita l-istess taht l-awtorita` ta' din il-Qorti. Pero` l-hlas ta' dawna l-oggetti huwa m' ghamlux, u ma jridx jaghmlu.

Il-prezz mitlub huwa sostanzjali u jammonta ghal Lm85,458 (€199,063.59).

1.2 Illi meta gie mitlub biex ihallas din is-somma, il-konvenut Borda (presenti rikorrenti) kien qed igib varji skuzi u allegazzjonijiet infondati ghaliex m'ghandux ihallas. Illi fil-fatt Anthony R. Borg bhala Direttur ta' Euro Appliances Co. Limited kien qieghed jinsisti mal-konvenut sabiex jefettwa il-hlas u kien qed jircievi hafna risposti konflingenti u dilatorji. Anthony Borg kien cempel u iltaqa' ma' Darren DeDomenico, Sales Director ghan-nom ta' Frank Borda Limited, kif se jinghad: -

1.3 Fid-9/01/2001 fid-9.30 ta' filghodu, kien hemm laqgha St. George's Park mas-Sur Vince Xuereb Financial Controller ta' Euro Appliances Co. Limited. Fil-11/1/2001 kien hemm telefonata minn Vince Xuereb lil Darren DeDomenico biex icempel lill Anthony Borg ghax l-offerta li ghamel fil-*meeting* tad-9/1/2001 ta' Lm16,400 (€38,201.72) (VAT inkluz), ma kinetx accettata ghax dak ma kienx il ftehim.

Fil-11/1/2001 fit-12.55 Darren DeDomenico rritorna t-telefonata liema telefonata baqghet sejra sas-2.50 biex forsi Anthony Borg jipprova jasal fi ftehim u fejn accetta minghajr pregudizzju s-somma ta' Lm25,300 (€58,933.15) (VAT inkluz) flok is-somma originali ta' Lm28,801.55 (€67089.56) (VAT inkluz).

Fl-18/01/2001 kien hemm laqgha ohra. F'din il-laqgha Anthony Borg rega' naqqas l-ammont ghal Lm23,000 (€53,575.59) (VAT inkluz) flok is-somma ta' Lm25,300.

Fis- 6/02/2001 kien hemm laqgha ohra. Ghall-ahhar darba fejn Anthony Borg kien lest jaccetta s-somma ta' LM21,999 (€51,243.89) (VAT inkluz) kontra l-ammont original ta' LM28,801.55 (€67,089.56) (VAT inkluz).

1.4 Fid-19/2/2001 fis-7.00 ta' filghaxija kien hemm telefonata minn Darren DeDomenico - Sales Director ta' Frank Borda Limited fejn qal lil Anthony Borg li definittivament kien ser jikkonferma r-risposta dwar l-ahhar offerta li Anthony Borg kien ghamel ghall-*units* tal-Electrolux, sal-gimgha 23/2/2001. Din kienet wara varji telefonata ta' Anthony Borg li kien ukoll infurma lil Darren DeDomenico illi fin-nuqqas li ma jkollux konferma definittiva sas- 26/2/2001 kien sejjer jiehu azzjoni gudizjali. Dan jidher ukoll minn notament "*a tempo vergine*" maghmula minn Anthony Borg hawn esibit Dok. "A".
Il-gurnata tas - 26/02/2001 ghaddiet inutilment.

Euro Appliances ma kellux alternattiva hlief li jaghmel dak li qal li ser jaghmel u fil-fatt ippresenta c-citazzjoni u s-sekwestru in kwistjoni fit- 28/2/2001.

1.5 Illi b'din is-sitwazzjoni fattwali, ma kienx hemm bzonn ta' ittri. Il-provediment tal-ligi li jitkellem dwar *“....... in any manner called upon the defendant........”* gie rispettat.

2.1 L-esponent jghid illi s-sahha finanzjarja tas-socjeta` esponenti qatt ma kien in dubju. FI-istess rikors jilmenta illI b'rizultat tal-mandat gew iffrizati il-fondi likwidi tal-esponenti. Dawn iz-zewg dicituri tar-rikorent huma konflingenti. Jekk hemm bazi kapitali soda, self ghal *cash* m'ghandux ikun problema.

2.2 *Inoltre* l-posizzjoni finanzjarja ta' Frank Borda Limited m'hiex fil-fatt maghrufa pubblikament. L-istess Frank Borda, kif hu ben saput ammess, jinsab hafna zmien barra minn Malta. Dan il-fatt gie kemm-il darba msemmi mill-istess Darren DeDomenico lil Anthony Borg u Vince Xuereb, bhala skuza ghad-dewmien ta' decizjonijiet u kontro proposti. Din l-attivita` dilatorja giet minn Frank Borda Limited. Jigi enfasizzat illi din l-attivita` dilatorja ittiehdet wara li Borda nomine ha l-agenziji lokali ta’ tliet ditti principali i.e. ta’ Electrolux, Speed Queen u Caravel *stante* li l-istess gew, bl-ghajnuna pjena ta' Euro Appliances Co. Limited, moghdija mill-principali esteri lil Frank Borda Limited.

3. Bhala rikonoxximent ta' din l-ghajnuna, ir-risposta li hadu Euro Appliances Co Limited minghand Frank Borda Limited kienet illi Frank Borda Limited ma riedux ihallsu ta' l-attrezzi li hadu minghand Euro Appliances Co. Limited sa minn Dicembru 2000. Meta Euro Appliances Co Limited grew wara flushom sabiex jithallsu, inqalghu l-iskuzi kollha possibli u dilatorja. Ghalhekk wara debita, notifika u twissija moghtija minn Euro Appliances Limited lil Frank Borda Limited li jekk ma jkunx hemm risposta konkreta, Euro Appliances Co Limited ma kienx ikollha alternattiva hlief li tiehu passi gudizjali, Euro Appliances

Limited kellha bil-fors tiehu l-atti in kwistjoni sabiex tottjeni dak li gustament huwa taghha.

Ghaldaqstant jidher car illi l-atti gudizjali li Euro Appliances Co. Limited hadu, haduhom mhux b'ragunijiet vessatorji jew malizjuzi (kif qed isostni Borda noe)

Izda ghaliex kien rimedju mghoti lilhom bil-Ligi - u adoperat skond l-istess artikoli - sabiex b'hekk jassiguraw illi huma eventwalment jithallsu f'dina s-sitwazzjoni hekk incerta; u li jithallsu kemm jista' jkun malajr ghal dak illi huwa spettanti lilhom.

4.1 Borda jallega illi Il-mandat gie ppresentat fil-kors ta' negozjati bejn il-partijiet. Jigi rilevat illi n-negozju bejn il-partijiet kien it-trasferiment ta' l-agenziji fuq imsemmija precedentement goduti minn Euro Appliances Co. Limited ghal ghand Frank Borda Limited (li tieghu Euro Appliances ma thallsu xejn) u l-bejgh tal-*units* u *parts* relativi ghal-istess.

4.2 Inoltre Euro Appliances Co Limited kellha fil-pussess taghha *units* ta' ditti ohrajn bhal Husqvarna, Teknocook, Morris u ohrajn. Kien hemm negozjati bejn il-partijiet dwar x'ser isir minn dawn l-oggetti. Ma kienx hemm qbil, fil-fatt dawn l-oggetti ghadhom ghand Euro Appliances Co Limited. Dawn l-oggetti ma jiffurmawx parti mill-kawza u mill-mandat relattiv.

4.3 Ma kienx hemm negozjati dwar il-prezz etc ta' *parts* jew *units* in generali mibjugha relativi ghad-ditti principali. Dawn l-oggetti mehuda minn Borda kellhom jithallsu *at cost*.

L-uniku diskussjoni li kienet ghadejja bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-prezz tal-*units* tal-marka Electrolux.

4.4 Fid-diskussjonijiet dwar din il-parti tal-kreditu, minghajr pregudizzju, Euro Appliances Co Limited qalu illi l-valur kien ta' Lm28,801.55 filwaqt li Frank Borda Limited qalu li kien Lm28884. Darren DeDomenico ghan-nom ta' Frank Borda Limited ried ihallas inqas. Inizjalment

semma’ li lesti jhallsu s-somma ta' LM16,400. Din ma kinetx accettabbli ghal Euro Appliances Co Limited. Anthony Borg ghal Euro Appliances Co Limited issuggerixxa bhala offerta finals is-somma ta' Lm19,130 plus VAT. Ghal din l-offerta Euro Appliances Co Limited kienu qeghdin jistennew risposta - liema risposta fil-fatt qatt ma giet, u ghalhekk ma kellhomx alternattiva hlief li jippresentaw il-presenti proceduri gudizjali.

4.5 Ir-risposta kienet wkoll mistennija (kif intqal lil DeDomenic fl-istess diskussjoni), ghaliex sal 15/3/2001 kien sejjer ikollu jippresenta r-*return* tal-VAT kif fil-fatt ghamel. L-ammont ta' VAT dovut fuq il-prezz invoicjat *at cost* sa Dicembru 2000 kien ta’ Lm10,877 li fil-fatt Euro Appliances Co Limited hallsu.

Kieku Frank Borda Limited ta risposta li kien jaccetta l-ahhar offerta ta' Euro Appliances Co Limited, allura Euro Appliances kien ihallas inqas VAT milli fil-fatt hallas. B'dan Euro Appliances Co Limited trid turi illi kienet tat ultimatum car lil Darren DeDomenico ghal Frank Borda Limited sabiex jaghti r-risposta tieghu sas- 26/2/2001.

4.6 Ghalhekk mhux korrett Borda meta jghid illi kien hemm xi negozjati. Dawn in-negozjati kienu inghalqu l-ghaliex Darren DeDomenico rna rrispondiex fiz-zmien moghti lilu minn Euro Appliances. Il-mandat gie ppresentat wara tali *time limit*.

5. Frank Borda Limited qieghed jghid illi ma xtarax l-*appliances* (*units*) tal-marka Electrolux. Dan huwa kontradett pjenament minn Euro Appliances Co Limited. Fil-fatt dawn l-*appliances* ta' L-Electrolux gew mixtrija minghad Frank Borda Limited kif gew ukoll mixtrija l-*appliances* ta' Speed Queen, Caravel u Magic Line. L-istess Darren DeDomenico u Pierre Schembri (li huwa wkoll impjegat ta' Frank Borda Limited) gew jaraw u ghamlu inventarju ta' l-*appliances* li kien hemm gewwa is-*showroom* ta' Haz-Zebbug esibiti u qalu lil Euro Appliances Limited biex qabel l-ahhar *closing down sale* li kellu jsir fit- 30/11/2000, 1/12/2000 u 2/12/2000 sabiex ipoggu fuq dawn l-*appliances* il-marka "Sold" a favur ta'

Frank Borda Limited - b'eccezzjoni ta' zewg *fridges* Amerikani li fil-fatt gew mibjugha minn Euro Appliances Co Limited lil terzi. Ma kien hemm ebda negozjati dwar jekk il-bejgh ta' dawn l-*appliances* giex konkluz jew le.

6.1 Ghar-rigward tal-punt imqajjem minn Frank Borda Limited dwar l-interpretazzjoni tal-kelma "saleable", dan "se mai" jikkostitwixxi parti mid-diskussjoni li trid issir fil-kawza u zgur m'huwiex meritu tal-presenti proceduri.

6.2 Jigi biss rilevat u dan qed jinghad anki ghal dak li Frank Borda Limited qal fil-pagna 3 para iii, illi (u dan irrispettiv jekk l-ammont, kienx ta' Lm 37,999 jew Lm42659) kif mantenut minn Euro Appliances Co Limited illi jekk fil-fatt Frank Borda Limited kien jaf illi dawn l-i*spare parts* ma kienux "saleable" allura kien imissu m' accettahomx mill-bidu. Fil-fatt xi whud mill-i*spare parts* il-ghaliex ma kienux *saleable* gew imwarrba u ma ittehdux minn Frank Borda Limited.

7.1 Ghar-rigward ta' l-ixkaffar (li Borda noe jghid ma xtarax), dan kien qieghed fl-i*store* ta' Santa Venera fejn kien hemm l-*spare parts* tal-*white goods*. Dan il-mahzen huwa mikri minghand terzi.

7.2 Fil-fatt kien l-istess Darren DeDomenico ghal Frank Borda Limited li rrejalizza li meta bdew biex jiehdu l-i*spare parts* ma kellux xkaffar fejn ipoggi l-i*spare parts* u talab illi jiehu l-istess xkaffar. Anthony Borg fil-presenza ta' Vince Xuereb qal lil DeDomenico li jista' jiehu l-ixkaffar purche' ihallas tieghu *at cost*. Darren DeDomenico fuq din il-bazi ha l-ixkaffar. Tant hu hekk illi l-istess Darren DeDomenico, gieghel lil Vince Xuereb u lin-nies ta' Euro Appliances kif ukoll ordna lill-impjegati tieghu li jaccertaw ruhhom li jigu mmarkati fuq kull pakkett ta' *spare parts*, fuq liema xkaffar kienu qeghdin. Peress li l-ixkaffar kien ga mmarkat minn Euro Appliances sabiex b'hekk jkunu jafu fejn ipoggu l-pakketti tal-i*spare parts* meta jarmahom fuq l-istess xkaffar fl-i*stores* ta' Frank Borda Limited.

7.3 Frank Borda Limited jirrepeti illi Euro Appliances kellhom problema ta' spazju. Fil-fatt Euro appliances ma

kellhomx problema ta' l-ispaziu. M'ghandhom lanqas sallum problema ta' l-ispazju, tant hu hekk illi dan l--mahzen ghadu mikri sallum ghandom u huwa imbattal minn kollox.

L-esponent lest li jikkonferma s-suespost bil-gurmaent tieghu ghar-rigward tal-fatti jekk mitlub.

Ghaldaqstant Euro Appliances Co Ltd umilment jissottometttu illi huma ppresentaw il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni skont ir-rekwisiti u a bazi tal-artikoli rilevanti l-fatti u l-elementi msemmija fl-artikolu 836, 837 u 838ª tal-Kap 12, et invokati mir-rikorrent fil-presenti proceduri.

Ghalhekk it-talba presenti ghandha tigi michuda.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-6 ta' April 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma l-provi li kien fadal tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, in-noti, id-dokumenti u x-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008 meta issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Darren DeDomenico ghas-socjeta` rikorrenti. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura a bazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

***"836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lil Qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lil Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u (f)** li jipprovdu li:-

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi fil-proceduri fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie,* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija.

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001); **"Casino-For-Me Ltd. vs Chartwell Games (Malta) Limited"** P.A. (AL) – 5 ta' Settembru 2008);

Illi fil-kawzi **"Mercieca Vincent vs Galea George"** – (P.A. (RCP) kif ukoll **"John Zarb vs Port Cottonera Ltd"** – P.A. (TM) tat-18 ta` Settembru 2002) u **"Visual & Sound Communications Ltd vs Mario Camilleri et"** P.A. (RCP) tat-28 ta` Frar 2002) intqal hekk:-

*"Ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll illi l-ligi hija soggetta ghal diversi nterpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom".*

Illi fil-kawza **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** P.A. (GC) tas-26 t'April 2002 intqal hekk:-

*“Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista’ jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx ‘prima facie’ gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed ‘prima facie’.”*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-mandat ta’ sekwestru hareg mis-socjeta’ intimata odjerna ghall-ammont ta’ Lm84,458.30 rappresentanti prezz ta’ *units*, *spare parts* u *shelving* mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ rikorrenti FBL odjerna

Illi mill-atti processwali jirrizulta fil-grad rikjest mill-ligi f’dawn il-proceduri li l-ftehim li intlahaq bejn il-partijiet dwar l-oggetti mertu tal-kawza odjerni kien marbut intrinsikament mal-kondizzjoni li s-socjeta’ rikorrenti (FBL) kellha tigi appuntata bhala agent esklussiv gewwa Malta tad-ditti esteri, “Electrolux”, “Speed Queen” u “Caravel” u dan minflok is-socjeta’ intimata (EACL) peress li din ma rieditx tkompli bl-istess negozju.

Illi fil-fatt jirrizulta li s-socjeta’ rikorrenti (FBL) uriet interess li tigi hija maghzula minflokha, u ghalhekk is-socjeta’ intimata EACL, fuq talba tas-socjeta’ rikorrenti (FBL), ghamlet l-almu taghha mal-principali esteri sabiex l-istess socjeta’ FBL tigi nominata hija bhala agent esklussiv tal-istess marka (Dok. B”) u fil-fatt hekk gara.

Illi intimament konness u konsegwenti ghal dan l-izvilupp kien sar arrangament bejn il-partijiet sabiex jigu trasferiti *units* u *spareparts* tad-ditti indikati mis-socjeta’ intimata (EACL) lis-socjeta’ rikorrenti u dan *at cost price*, u flimkien ma’ dan gie nkluz l-prezz ta’ *shelving* tal-istess parts, li s-socjeta’ intimata EACL qed tippretendi li dawn jammontaw ghas-somma ta’ Lm85,458.30, proprju l-mertu ta’ dan il-mandat skond prospett datat 8 ta’ Frar 2001 u l-mertu ta’ kawza bejn il-partijiet pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Citaz. Nru. 2001/JRM).

Illi s-socjeta' rikorrenti qed toggezzjona li dan l-ammont mhux dovut u dan peress li hija qed issostni li hija ma ghamlet l-ebda ftehim dwar l-Appliances Electrolux, u hadet l-istess *units* biss ghaliex is-socjeta' intimata EACL kellha bzonn l-ispazju fejn kienu u fil-fatt kienet lesta li tirritorna l-istess fi zmien 15 il-gurnata u fin-nuqqas tiddeposita l-istess fil-Qorti; dwar l-*ispareparts* tad-ditti Speed Queen, Caravel, u Electrolux, dan il-ftehim kien jirreferi biss ghall dawk il-*parts* li kienu *"saleable"* u tghid li dan il-ftehim kien biss *"on consignment basis",* u peress li tali *spareparts* fil-maggoranza taghhom kienu antiki jew ghadda zmienhom mela allura l-ammont rikjest ghall-istess ma kienx dovut; dwar l-ixkaffar inghad li qatt ma sar bejgh ta' l-istess. Fil-fatt dwar dawn l-allegazzjonijiet is-socjeta' rikorrenti taghmel riferenza ghall-ittra datata 22 ta' Awissu 2000 (Dok. "C") miktuba minn Frank S.V. Borda u Darren De Domenico ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti FBL lill-Tony Borg ghan-nom tas-socjeta' intimata EACL.

Illi mill-istess ittra tat-22 ta' Awissu 2000 jirrizulta li kull ftehim li sar bejn il-partijiet odjerni kien proprju konsegwenza ghat-*"Transfer of sole distribution rights in Malta for Electrolux – Speed Queen u Caravell"* u dan il-ftehim kien sar fl-1 ta' Awissu 2000.

Illi jirrizulta li effettivament l-istess oggetti kollha indikati gew ikkonsenjati lis-socjeta' rikorrenti FBL fis-sena 2000 (proprju sat-12 ta' Dicembru 2000), u wara li s-socjeta' rikorrenti FBL giet nominata bhala *Exclusive Distributor* f'Malta tal-istess ditti, u fis-sena sussegwenti, jidher li qam disgwid bejn il-partijiet konsistenti fuq l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti (FBL) fil-procedura odjerna u li huma l-eccezzjonijiet fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

Illi ovvjament dan mhux il-forum fejn tali pendenza tigi maqtugha u deciza b'mod definittiv, tant li l-procedura odjerna hija limitata biss ghall-ezami *prima facie* tal-mertu tal-mandat kawtelatorju li qed jigi kkontestat f'dawn il-proceduri u biss fuq dan il-binarju din il-Qorti thoss li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti FBL ghandhom jigu michuda u dan peress li jirrizulta li l-istess socjeta' intimata jidher li fuq bazi ta' *prima facie* kellha d-dritt li tohrog mandat

kawtelatorju ghall-oggetti hemm indikati konsistenti f'*appliances* tal-marka indikati, *spareparts* tal-marki oggett ukoll tad-*distribution rights* li gew akkwistati mis-socjeta' rikorrenti FBL, u *shelving* hemm indikat fil-prospett fuq indikat u dan anke peress li l-istess oggetti gew effettivament ikkonsenjati mis-socjeta' intimata (EACL) lis-socjeta' rikorrenti FBL sat-12 ta' Dicembru 2000 u jirrizulta li l-ammonti reklamati huma bbazati fuq il-*cost price* ta' l-istess.

Illi dejjem sal-istess grad ta' prova ta' *prima facie* rikjest f'dawn il-proceduri, jirrizulta li effettivament saret konsenja tal-*appliances* tal-marka Electrolux, tal-*ispareparts* tal-marki indikati Electrolux, Speed Queen, u Caravell, u tal-istess xkaffar lis-socjeta' rikorrenti FBL u hlief ghall-oggetti li bieghu, l-istess baqghu fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti FBL mill-istess sena 2000 sallum.

Illi dwar l-istess *units* tal-marka Electrolux jidher li l-istess konsenja effettivament saret wara l-istess ittra tat-22 ta' Awissu 2000 u ma kien hemm ebda riserva fuq id-dokumenti relattivi tal-konsenja tal-istess *units* (Vince Xuereb – 20 ta' April 2005) . Mhux hekk biss izda jirrizulta li l-istess ittra saret mis-socjeta' rikorrenti FBL wara li hija giet maghzula sabiex tkun *sole distributor* tal-istess marka Electrolux fil-11 ta' Lulju 2000, (tant li skond *item* 8 tal-istess ittra tat-22 ta' Awissu 2000 jinghad li kollox kien suggett li s-socjeta' rikorrenti FBL tikkonkludi kuntratt ta' *Exclusive Distribution Agreement* mal-kumpaniji proprjetarji tal-marki Electrolux, Speed Queen, u Caravell) b'dan li la darba l-istess socjeta' rikorrenti FBL hadet konsenja tal-istess *units* tal-marka Electrolux wara l-ittra tat-22 ta' Awissu 2000, tali konsenja kienet fil-fatt konsegwenza tal-fatt li s-socjeta' rikorrenti FBL hadet il-kuntratti li riedet tal-istess ditti nkluz dik tal-marka Electrolux.

Illi a bazi ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat *prima facie* li effettivament kien sar ftehim ghat-trasferiment tal-istess *units* tal-marka Electrolux mis-socjeta' intimata (EACL) lis-socjeta' rikorrenti FBL – anke minhabba s-sehem li l-ewwel socjeta' EACL ovvjament kellha sabiex

is-socjeta’ rikorrenti FBL akkwistat id-drittijiet fuq l-istess marka.

Illi dwar l-*ispareparts* jirrizulta li skond *item* 6 li s-socjeta’ rikorrenti FBL kellha tiehu wkoll l-*ispareparts* tad-ditti indikati fil-paragrafu indikat bhala *item* 1 u jirrizulta li s-socjeta’ rikorrenti FBL indikat fl-ittra taghha tat-22 ta’ Awissu 2000 li hija kienet accettat li tixtri biss dawk il-*parts* li kienu *saleable*; izda in effetti jidher li meta saret l-istess konsenja, l-*ispareparts* tad-ditti indikati gew mehuda kollha mis-socjeta’ rikorrenti FBL u kien biss wara meta intalab pagament tal-istess, li s-socjeta’ rikorrenti odjerna FBL sostniet li hija xtrat biss dawk il-*parts* li kienu *saleable* u peress li skond hija l-maggoranza tal-istess *spareparts* ma kienux tali, allura l-ammont rikjest mhux dovut.

Illi ovvjament din il-Qorti f’dan l-istadju u f’din il-procedura mhux qed tiddeciedi definittivament fuq din il-materja, peress li dan ghandu biss jigi ezaminat fil-mertu u din ma hijiex kawza fil-mertu; izda fuq il-bazi ta’ l-atti prezentati quddiemha din il-Qorti tghid biss li s-socjeta’ intimata EACL kellha bazi legali sabiex tippretendi l-istess hlas mertu tal-mandat kawtelatorju bejn il-partijiet u dan anke peress li mill-istess ittra ndikata jirrizulta li kien sar ftehim li s-socjeta’ rikorrenti kellha tiehu minghand is-socjeta’ intimata dawk is-*“saleable”* parts tal-marka Electrolux, Speed Queen, u Caravell u l-konsenja saret wara l-istess ftehim tal-1 ta’ Awissu 2000 u anke wara l-ittra tat-22 ta’ Awissu 2000, b’dan li l-Qorti tifhem li ladarba s-socjeta’ rikorrenti hadet konsenja tal-istess, hija kkunsidrat l-istess oggetti bhala *“saleable”* ghaliex altrimenti kienet tirrifjuta l-konsenja tal-istess.

Illi dan iktar u iktar meta fl-istess ittra (Dok. “C”) inghad li tali prezz tal-istess kellu jithallas *“on date of handover”.* Dan ifisser ukoll li fuq l-istess *spareparts* tal-istess marki hemm indikati ma kien hemm ebda ftehim ta’ hlas *“on consignment basis”* – tant li dan it-tip ta’ bejgh hawn appena imsemmi kien indikat li fl-ittra tal-istess socjeta’ rikorrenti FBL li jirreferi ghall *“spare parts for the other companies”* u dan skond paragrafu indikat bhala *“item 3”* fl-istess ittra tat-22 ta’ Awissu 2000.

Illi dwar l-ixkaffar jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti (FBL) kienet talbet ghall-istess xkaffar ghaliex ma' kellhiex fejn tistiva l-istess oggetti kollha u dawn gew ikkonsenjati kollha lilha *" at cost price".* L-allegazzjoni li saret mis-socjeta' rikorrenti li s-socjeta' rikorrenti FBL hadet l-oggetti kollha biss ghaliex s-socjeta' intimata EACL kellha bzonn l-istess mahzen, ma giex ippruvat anzi dan jinsab kontradett mix-xhieda ta' Anthony Borg u mid-dokumenti minnu esebiti mhux lanqas il-kuntratt datata 19 ta' Gunju 1991 – Dok. "JAS 1".

Illi fid-dawl ta' dan kollu jigu kkunsidrati l-lamenteli tas-socjeta' rikorrenti FBL li qed tghid li tali mandat ghandu jigi revokat u dan peress li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' tali mandat m'ghadhiex tezisti (**artikolu 836 (1) (b)**. Dan ifisser li wahda mill-elementi ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju kienet tezisti fi zmien il-hrug tal-mandat pero' sussegwentement din ma' baqghetx tezisti b'dan li allura jrid jirrizulta li naqset xi haga wara l-hrug tal-istess att **("Dr. Tonio Fenech nomine et vs Dr. Patrick Spiteri nomine et"** – P.A. (GC) 3 ta' Awissu 2001); **"Charles Camilleri vs Peter Zammit et"** (P.A. (JRM) – 13 ta' Marzu 2008); **"Iklin Limited vs Nutar Dr. Mark Anthony Sammut"** – P.A. (JRM) – 15 ta' Settembru 2008).

Illi sabiex jinhareg mandat kawtelatorju hemm il-htiega li r-rikorrenti (a) jkollu pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li kontra taghha inhareg il-mandat; (b) li ssir kawza li fiha jkun mistharreg tali dritt pretiz fl-istess mandat; (c) li l-mandat ikun inhareg skond ir-rekwiziti tal-ligi; u (d) li tali mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li talbitu.

Illi s-socjeta' rikorrenti odjerna ssostni li tali mandat ma setghax jinhareg peress li l-istess mandat ma kienx precedut b'ittra ufficjali u li gie prezentat fil-kors ta' negozjati bejn il-partijiet, u li l-istess socjeta' ghandha sahha finanzjarja li ma kienx hemm dubju dwar il-likwidita` taghha. Din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta din il-bazi ghar-revoka ta' l-istess mandat u dan peress li jirrizulta

car mill-provi prodotti li l-istess socjeta' intimata EACL talbet verbalment lis-socjeta' rikorrenti FBL il-hlas tal-istess ammonti ghal diversi drabi u anke informatha li fin-nuqqas kienet ser tiehu proceduri legali.

Illi dwar il-punt li l-istess partijiet kienu skond is-socjeta' rikorrenti odjerna FBL kienu ghaddejjin b'negozjati, jirrizulta li fil-fatt kien hemm, wara l-konsenja tal-istess oggetti mertu tal-proceduri odjerni, diskussjonijiet sabiex il-partijiet jaslu ghat-transazzjoni dwar l-ammont dovut, izda jirrizulta wkoll li fil-fatt il-partijiet ma' waslux ghall-ftehim, tant li s-socjeta' intimata EACL nformat verbalment lis-socjeta' rikorrenti FBL li jekk ma jsirx il-hlas ta' l-ammont mitlub kienet ser tiehu proceduri gudizzjarji u ghalhekk din il-Qorti thoss li anke fuq dan il-punt, l-istess socjeta' intimata kellha d-dritt tagixxi, kif agixxiet skond il-ligi (Dok. "A" – fol. 25). Illi fuq din il-bazi din il-Qorti thoss li ma hemm xejn li kien jezisti fiz-zmien il-hrug tal-mandat li llum ma ghadux jissusisti u ghalhekk l-**artikolu 836 (1) (b)** ma jistax jigi applikat ghall-kaz in ezami u t-talba tas-socjeta' rikorrenti FBL a bazi tal-**artikolu 836 (1) (b)** ma tistax tintlaqa'.

Illi dwar is-sottomissjoni li s-socjeta' rikorrenti FBL ghandha assi bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tas-socjeta' intimata EACL, jinghad li fil-verita' qabel ma' inhareg l-istess mandat ma inghatat u lanqas giet offerta ebda garanzija kwalunkwe lis-socjeta' intimata EACL u kull ma kien hemm kien biss kontestazzjoni fuq l-ammont dovut u dan dejjem wara li l-istess socjeta' rikorrenti FBL akkwistat id-drittijiet fuq l-istess ditti u wara li kienet li ilha li saret il-konsenja tal-oggetti lilha kollha mertu tal-mandat odjern.

Illi jinghad ukoll li mkien fil-ligi ma jinghad li ma jistax jinhareg mandat kawtelatorju kontra persuna li wkoll ghandha bosta gid u certament li l-ligi ma tistax tiftiehem b'dan il-mod **("Charles Camilleri vs Peter Zammit et"** – P.A. (JRM) – 13 ta' Marzu 2008) u ghalhekk it-talba tas-socjeta' rikorrenti FBL skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (1) (c)** qed tigi michuda.

Illi dwar l-ilmenti abbazi tal-**artikolu 836 (1) (d)** din il-Qorti tirreferi ghall dak li ntqal iktar 'il fuq dwar il-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata EACL u din il-Qorti thoss li mad-daqqa t'ghajn hija kellha bazi ta' pretensjoni fuq xiex tagixxi b'mandat kawtelatorju u li l-ammont jinsab ukoll indikat u ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi f'dan l-istadju anke b'dokumenti relattivi u ovvjament l-istess socjeta' intimata kellha d-dritt li tipproteggi l-interessi taghha u tagixxi proceduralment ghall-kawtela ta' l-istess. Ma jistax lanqas jinghad li l-ammont huwa eccessiv u dan ghaliex li l-ammont jidher li huwa gustifikat fid-dawl tat-talba maghmula u bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-ammont rikjest huwa wiehed grossolan jew maghmul b'mod azzardat **("Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart"** – P.A. (JRM) – 29 ta' Lulju 2005). Dan il-punt gie wkoll ampjament diskuss f'din id-decizjoni taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1) (b)** u ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti FBL fuq din il-bazi.

Illi dwar l-**artikolu 836 (1) (f)** fejn irid jintwera li fic-cirkostanzi m'huwiex ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa gustfikabbli, din il-Qorti thoss li anke minhabba dak li gja inghad f'din id-decizjoni tali talba ma tistax tinlaqa'. Jidher fil-fatt li kienu jezistu l-presupposti kollha necessarji ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju abbazi tal-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata EACL u ghalhekk din it-talba qed tigi wkoll michuda.

Illi dwar l-**artikolu 838 A tal-Kap 12** dan jipprovdi li:-

*"Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju".*

Illi din il-Qorti thoss li fid-dawl tar-risultanzi fuq indikati jirrizulta li l-istess socjeta' intimata EACL kienet qed tagixxi fit-termini tad-drittijiet taghha sabiex tikkawtela l-

pretensjonijiet taghha u bl-ebda mod ma agixxiet abbusivament jew b'mod malizzjuz jew vessatorju u allura din il-Qorti thoss li ma huwiex il-kaz li jinghataw provedimenti skond l-istess artikolu tal-ligi u dan ukoll fuq l-iskorta tad-decizjonijiet **"Ramon Mizzi et vs SMEL Company Limited"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007); **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** – P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2002). F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ma jirrizultax li giet ippruvata xi kawza gusta sabiex il-parti ezekutanti ta' mandat kawtelatorju tigi ordnata sabiex toffri garanzija tajba u specjalment meta ma jirrizultax li hemm ragunijiet imsejsa fuq il-htija kif indikat fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 16 **("Roderick Fenech vs Anna Maria Pace et"** – P.A. (JRM) – 15 ta' Settembru 2008); **"Laylay Company Limited vs Alsan Enterprises Company Limited"** – P.A. (AL) – 10 ta' Gunju 2008)

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata Euro Appliances Co. Limited datata 10 ta' April 2001, **tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti Frank Borda Limited fir-rikors taghha datat 2 ta' April 2001** peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti Frank Borda Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------